

Brussell, 20 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

10148/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0202(NLE)**

---

**TRANS 376  
RELEX 788**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST10129/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova – Adozzjoni

---

1. L-abbozz ta' Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tan-negozjati mmexxija mill-Kummissjoni abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fit-2 ta' Ġunju 2022 lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati bil-għan li tikkonkludi ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Unjoni Ewropea.
2. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-abbozz ta' Ftehim imsemmi hawn fuq (dok. 10129/22). Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżaminaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, emendat (dok. 10163/22) fl-istess Grupp ta' Ħidma, fis-17 ta' Ġunju.
3. It-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja u t-test tal-abbozz ta' Ftehim ġew riveduti mill-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jeżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 10409/22 u t-test tal-abbozz ta' Ftehim kif jinsab fid-dokument 10152/22, u jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta dik id-Deċiżjoni sabiex jippermetti l-iffirmar tal-Ftehim.
  5. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf bl-adozzjoni, f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
-